MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta ta' l-1 ta' Awwissu, 2012

Rikors Numru. 677/2012

**Anthony Camilleri u Carmena Camilleri**

**vs**
**Peter Agius**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ Peter Agius li bih ir-rikorrenti qed jitolbu li l-mandat ta’ zgumbrament li nhareg kontrih jigi dikjarat null billi inhareg oltre erba’ xhur mill-liberazzjoni tal-fond wara subbasta li saret kontra r-rikorrenti u fejn il-fond gie mixtri bl-istess subbasta mill-intimati Camilleri. Dan imur kontra l-artikolu 357 tal-Kap. 12.

L-intimati jirrispondu li din hi manuvra tar-rikorrenti biex itawwal l-inevitabbli u illi l-intimati kellhom diffikulta biex jaghmlu notifika tas-subbasta lir-rikorrenti Agius. Isostnu li t-terminu impost mill-artikolu 357 mhux perentorju u l-fatt li mandat sar wara ma jirrendihx null.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fis-seduta tal-1 ta' Awwissu 2012.

Il-Qorti ma taqbilx mal-intimati. It-terminu impost mill-ligi fl-artikolu 357 hu wiehed perentorju u ma jaghtix lok ghal estensjoni tieghu jew li jigi injorat, anki jekk l-intimati kellhom diffikultajiet amministrattivi sakemm waslu biex jaghmlu l-mandat. Il-mandat ma messux sar la darba l-ligi hi tassativa u jibqa' r-rimedju alternattiv ghall-intimati bir-riserva tad-danni u dan kif konfermat fl-atti tal-mandat **HSBC Bank Malta plc vs Doris Conchin** (118/2011)**.**

Jidher mill-atti illi l-mandat gie intavolat ghaxar xhur wara l-liberazzjoni tal-fond favur l-intimati u ghalhekk ghandu jigi rexiss.

**Decide**

Ghalhekk ghal-dawn ir-ragunijiet il-Qorti qed tannula u tirrevoka l-mandat ta' zgumbrament numru 736/2012 fl-ismijiet Anthony Camilleri et vs Peter Agius, salv id-drittijiet tal-partijiet si et quatanus.

L-ispejjez jithallsu mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------